TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 135/12-F

**Kevin u Isabelle Spiteri**

**vs**

**GDL Trading & Services Ltd.**

Illum 12 ta' Marzu, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti prezz ta' mejda u erba' siġġijiet li huma magħmula mir-rattan, u li wara xi żmien dawn kellhom il-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw mejda u erba' siġġijiet tar-rattan għall-prezz ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), mingħand id-ditta ntimata u minkejja li kienet saret it-tiswija fuq il-mejda, ġurnata minnhom il-ħġieġa taret bir-riħ u l-mejda ċediet.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kienu għamlu minn kollox sabiex jissudaw il-mejda u fil-ġurnata li nkissret il-ħġieġa tal-mejda, kienet maltempata kbira ġewwa Malta, kif fil-fatt ippreżentat fix-xhieda tagħha lit-Tribunal.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi għalkemm dawn huma *waterproof*, bħal kull ħaġ'oħra trid tieħu ħsieb dawn l-affarijiet, pero' huwa minnu li s-soċjeta' ntimata ssodat il-mejda. Jidher ċar illi kienet għamlet maltempata straordinarja. It-Tribunal iħoss li din il-mejda kellha xi nuqqasijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100) bħala danni a favur ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888